**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 693/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**

**-Omissis-**
**Mahmud Isara k/a Issak**

**Illum, 22 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> **"-Omissis-**
>
> **Mahmud Isara (K/A Issak)** detentur tan-numru tal-Pulizija 191-003

U nakkuzawhom talli:

1. Nhar it-13 t'Awwissu, 2020, ghall-habta ta' bejn l-00:00 hrs u 01:00 hrs ta' filghodu gewwa Triq Derby, Marsa ikkommettew serq t'oggetti u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Keita Fako liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin *skond Artikoli 261 (a)(f), 262 (1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Keita Fako kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;*

3. Nhar it-13 t'Awwissu, 2020, bejn l-00:00 hrs u 01:00 hrs ta' filghodu gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Kefali Kibreab Elias liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin *skond Artikoli 41 (1) (a) ,261 (a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Kefali Kibreab Elias kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel

xi trasferiment ta hwejjgu *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap* 9 *tal-ligijiet ta' Malta;*

5. Nhar it-13 t'Awwissu, 2020, bejn l-00:00 hrs u 01:00 hrs ta' filghodu gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza fil-gisem ta' Kefali Kibreab Elias bi strument li jaqta' jew iniggez liema offiza hija ta' natura gravi hekk kif certifikata minn Dr. Elaine Buttigieg detentrici tan-numru mediku 4387 *skond Artikoli 214, 216(b),* 217, *218(1)(b) tal-kap* 9 *tal-ligijiet ta' Malta;*

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghaj ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51 (7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati."

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-09 ta' Dicembru, 2020 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat irregistra l-ammissjoni ta' htija, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni u fi kliem car fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu, u dan fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat, l-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kif minnu ammessi.

**Decide:**

Illi in konsiderazzjoni tal-pieni li ghandha tigi erogata, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura u x-xorta tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju avvanzat tal-provi tal-Prosekuzzjoni, l-eta' tal-imputat u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 86, 87(1)(c)(e), 214, 216 (b), 217, 218 (1) (b), 261 (a)(f), 262 (1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fu l-Artikoli 51 (7) u 55 (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni issib lill-imputat hati u wara li kkunsidrat n-natura u l-gravita tar-reati li taghhom nstab hati, tikkundannah kumplessivament sentejn habs illi minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat gia' skonta f'arrest preventiv.

In oltre tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittmi Keita Fako u Kefali Kibreab Elias ghal zmien sena li tibda tiddekorri wara li l-hati jiskonta s-sentenza tieghu.

In otre bl-applikazzjoni tal-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija vittmi qeghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' hames mitt Ewro (€500) u dan ghal zmien sena li tibda tiddekorri wara li l-hati jiskonta s-sentenza tieghu.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali skond il-ligi.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur